MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 731/2008

**Melita Plc (C-12715)**
**vs**
**Lorraine Fino (K.I. 211969M)**

**It –Tribunal**,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ mitejn, hamsa u sebghin ewro u erbghin ewro centezmu (€275.40) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi ta’ *cable television* fil-fond ‘Pole Position’, Triq Bisazza, Sliema mit-18 ta’ Lulju, 2003 sat-30 ta’ April, 2005 skont il-kont numru 134916 u liema bilanc ghadu dovut;

Minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti;

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mit-18 ta’ Lulju, 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni nkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2497/2008 datata 20 ta' Gunju, 2008.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex huma preskritti ai termini tal-artiklu 2148(b) u /jew l-artiklu 2156(f) tal-Kap XVI tal-ligijiet ta' Malta.

Illi l-konvenuta teccepixxi wkoll u bla pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex xejn ma huwa dovut minnha lis-socjeta' attrici.

Illi l-konvneuta zzomm ferm id-dritt li tressaq dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, illi ir-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghall-kontro-ezami u insubizzjoni.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Graziella Dimech u Lorraine Fino.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici talbet hlas rapprezentanti bilanc allegatament dovut ghal servizzi ta' *cable television* fil-fond 'Pole Position', Triq Bisazza, Sliema mit-18 ta' Lulju, 2003 sat-30 ta' April, 2005 skont il-kont numu 134916. Illi bhala dokumenti in atti giet ezebita kopja ta' *statement* mahruga fil- 5 ta' Mejju, 2009.

Ra li giet eccepita li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148(b) u/jew artiklu 2156(f) tal Kap XVI tal-ligijiet ta' Malta. It-Tribunal fic-cirkostanzi, pprosegwa bil-kawza sabiex jisma' x-xhieda kemm dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll dwar il-mertu .

It-Tribunal sema' lir-rapprezentat tas-socjeta' attrci li tahdem bhala *supervisor* fis-sezzjoni tal-*credit control* tas-socjeta' attrici fejn ipprezentat id-dokument a fol. 21 (*statement*) u qalet illi l-ahhar pagament mill-konvenuta sar fit-18 ta' Lulju, 2003 ghalkemm dan ma jirrizultax mill-istess *statement* ezebit in atti u lanqas jirrizultaw id-dati tal-pagamenti l-ohra. Id-dokument ezebit jirrizulta *computer generated* u d-dati tal-pagamenti fl-istess *statement* jindikaw illi bejn Gunju, 2002 u Novembru, 2005 saru l-hlasijiet fis-27 ta' Mejju, 2007.

Sema' lill-konvenuta tixhed illi hija kienet waqfet is-servizz mas-socjeta' attrici u rritornat id-*decoder* qabel in-nofs tal-2004 . Illi minn dak iz-zmien hija qatt ma semghet mis-socjeta' attrici hlief meta rceviet avviz tat-talba.

It-Tribunal jirrilleva li in sostenn tal-allegazzjonijiet maghmula mis-socjeta' attrici ma jirrizultax illi l-konvenuta qatt giet interpellata sabiex thallas xi somma dovuta lis-socjeta' atrici, li ma giex ezebit il-kuntratt originali bejn il-partijiet, u l-anqas ma gew ezebiti xi fatturi jew *statements* li jindikaw bi precizjoni d-dati tal-pagamenti ghalkemm inghad mix-xhieda attrici li l-ahhar pagament tal-konvenuta kien sar fit-18 ta' Lulju, 2003.

In sostenn tal-allegazzjoni maghmula mis-socjeta' attrici jirrizulta lit-Tribunal kopja ta' *statement* mahruga mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Mejju, 2009 u cioe' wara li giet intavolata l-kawza.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-servizz moghti mis-socjeta' attrici ma jinkwadrax ai termini tal-artiklu 2148 (b) tal-Kap XVI tal-ligijiet ta' Malta ghaliex il-prodott ewlieni li s-socjeta' attrici qieghda tbejgh huwa servizz ta' *cable television* li ma jikkonsistix biss f'installazjoni tal-prodott izda jikkonsisti f'servizz ta' xandir televisiv kontinwu. It-Tribunal huwa tal-fehma li semmaj s-servizz moghti mis-socjeta' attrici jinkwadra fl-artiklu 2156(f) u ghalhekk jiddekorri bit-terminu ta' preskrizzjoni ta' hames snin. Illi b'ammissjoni stess tas-socjeta' attrici qalet illi l-konvenuta ghamlet l-ahhar pagament lis-socjeta' attrici fit-18 ta' Lulju, 2003 ghalkemm dan ma jirizultax

mill-istatement ezebit mis-socjeta' attrici a fol 21 tal-process.

Illi ghalkemm il-konvenuta ammettiet illi kien hemm rabta kontrattwali bejna u bejn is-socjeta' attrici hija qalet illi raddet lura d-*decoder* f'Mejju tal-2004 minghajr ebda ammissjoni ta' xi debitu lejn is-socjeta' attrici, izda t-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehdet illi l-ahhar pagament kien f'Lulju tal-2003 il-konvenuta b'ammissjoni taghha stess xehdet illi irritornat id-*decoder* f'Mejju tal-2004. Dan ifisser li sa Mejju, 2004 seta' kien possibli lli kien ghad fadal xi bilanci. Illi l-kawza giet intavolata qabel eghluq hames snin.

Illi ghalkemm ma jirrizultax lit-Ttribunal illi l-azzjoni attrici hija preskritta kemm *ai termini* tal-artiklu 2148(b) u kemm *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kap XVI, tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal m'huwiex sodisfatt mill-provi tas-socjeta' attrici. Fil-fehma tieghu *statement* wahdu mhux prova ta' debitu dovut u s-socjeta' attrici kellha tipproduci provi ohra in sostenn ta' l-allegazzjonijiet maghmula fit-talba taghha. In konkluzjoni, t-talba attrici ma timmeritax akkoljiment.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad it-talba attrici fil-waqt li jakkolji l-pretenzjonijiet tal-konvenuta fil-mertu.

Spejjez tal-kawza ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------